DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1834

tat-3 ta' Diċembru 2020

dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra koperti bid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal kull Stat Membru għall-2018

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(6) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) tistabbilixxi l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru għal kull sena tal-perjodu mill-2013 sal-2020 u mekkaniżmu biex kull sena tiġi vvalutata l-konformità ma' dawk il-limiti. L-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri, mogħtija f'ekwivalenti ta' tunnellati ta' CO_2, jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/162/UE ([3]). L-aġġustamenti fl-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru huma stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/634/UE ([4]).

(2) L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 jipprevedi proċedura għar-rieżami tal-inventarji tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Istati Membri sabiex tiġi vvalutata l-konformità mad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE. Ir-rieżami komprensiv imsemmi fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 twettaq abbażi tad-*data* dwar l-emissjonijiet tal-2018 irrapportata lill-Kummissjoni f'April tal-2020 f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2014 ([5]) u fl-Anness XVI ta' dak ir-Regolament.

(3) L-ammont totali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra koperti bid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għal kull Stat Membru għall-2018 jenħtieġ li jqis il-korrezzjonijiet tekniċi u l-istimi riveduti kkalkulati waqt ir-rieżami komprensiv kif mogħtija fir-rapporti ta' eżami finali mfassla skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) Nru 749/2014.

(4) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha biex tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(7) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 li jistabbilixxi d-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni bħala l-punt tat-tluq għall-perjodu ta' erba' xhur li matulu l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE,

([1]) ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13.

([2]) Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/162/UE tas-26 ta' Marzu 2013 dwar kif għandhom jiġu ddeterminati l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 90, 28.3.2013, p. 106).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/634/UE tal-31 ta' Ottubru 2013 dwar l-aġġustamenti fl-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 292, 1.11.2013, p. 19).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2014 tat-30 ta' Ġunju 2014 dwar l-istruttura, il-format u l-proċessi tat-tressiq u r-reviżjoni tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 203, 11.7.2014, p. 23).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-somma totali ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra koperti bid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għal kull Stat Membru għall-2018 li ġejjin mid-*data* kkoreġuta tal-inventarju wara li tlesta r-rieżami komprensiv imsemmi fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Stat Membru	L-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-2018 koperti bid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE (f'ekwivalenti ta' tunnellati ta'diossidu tal-karbonju)
Il-Belġju	74 253 859
Il-Bulgarija	26 339 231
Iċ-Ċekja	60 616 480
Id-Danimarka	33 142 443
Il-Ġermanja	434 047 773
L-Estonja	6 121 701
L-Irlanda	45 378 559
Il-Greċja	44 694 510
Spanja	203 029 778
Franza	342 199 873
Il-Kroazja	16 219 173
L-Italja	278 729 729
Ċipru	4 162 760
Il-Latvja	9 126 902
Il-Litwanja	14 283 074
Il-Lussemburgu	9 075 522
L-Ungerija	43 249 947
Malta	1 383 374
In-Netherlands	99 731 984
L-Awstrija	50 336 566
Il-Polonja	213 033 372
Il-Portugall	40 571 864
Ir-Rumanija	77 639 310
Is-Slovenja	11 033 844
Is-Slovakkja	21 065 066
Il-Finlandja	29 921 574
L-Iżvezja	31 400 231
Ir-Renju Unit	329 880 406